IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.11.2013
COM(2013) 764 final

2013/0382 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Abbażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija lilha mill-Kunsill[1], il-Kummissjoni Ewropea fetħet in-negozjati mal-Unjoni tal-Komoros dwar it-tiġdid tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd li hemm bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros. Wara dawn in-negozjati, ġie inizjalat abbozz ta' Protokoll ġdid min-negozjaturi fl-05 ta' Lulju 2013. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' 3 snin li jibda mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stipulata mill-Artikolu 13, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2014.

L-għan ewlieni tal-Protokoll għall-Ftehim huwa li joffri opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fiż-żona tas-sajd tal-Unjoni tal-Komoros fil-limiti tal-kwantità żejda disponibbli. Il-Kummissjoni ibbażat, fost oħrajn, fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni ex-post imwettqa mill-esperti esterni.

L-għan huwa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros għall-istabbiliment ta' qafas ta' sħubija għall-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Komoros, fl-interess taż-żewġ Partijiet.

B'mod partikolari, il-Protokoll jipprevedi opportunitajiet tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

– 42 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun mgħammra bi friżer:

– 20 bastiment tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ

Għandu jiġi ddefinit il-metodu għad-distribuzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-Kunsill jadotta dan ir-Regolament.

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-Protokoll 2011-2013. Ġew ikkonsultati wkoll l-esperti mill-Istati Membri waqt laqgħat tekniċi. Dawn il-konsultazzjonijiet wasslu għall-konklużjoni li jkun ta' benefiċċju li jinżamm protokoll tas-sajd mal-Unjoni tal-Komoros.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Din il-proċedura nbdiet b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll, kif ukoll mad-Deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-konklużjoni tal-Protokoll innifsu.

[1] Adottat fl-18 ta' Marzu 2013 mill-Kunsill għall-Agrikoltura u s-Sajd

2013/0382 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1563/2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros [2].

(2) Fit-3 ta' Mejju 2007 u fis-6 ta' Marzu 2008, il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros innotifikaw lil xulxin dwar it-twettiq tal-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros[3].

(3) Fil-5 ta' Lulju 2013 ġie inizjalat protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll il-ġdid"). Dan il-Protokoll il-ġdid jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd li fiha l-Unjoni tal-Komoros teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha fir-rigward tas-sajd.

(4) Fil-[…], il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni Nru .../2013/UE[4] dwar l-iffirmar tal-Protokoll il-ġdid u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu.

(5) Il-mod li bih issir id-distribuzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għandu jiġi ddefinit għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-Protokoll il-ġdid.

(6) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008[5], f'każ li l-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll il-ġdid ma jkunux qed jintużaw għal kollox, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar dan. F'każ li ma tintbagħatx risposta qabel jiskadi limitu ta' żmien li għandu jiġi ffissat mill-Kunsill, dan għandu jitqies bħala konferma li l-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat mhux qed jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tagħhom tas-sajd matul il-perjodu kkunsidrat. Jeħtieġ li din l-iskadenza tiġi stabbilita.

---

2 ĠU L 290 tas-20.10.2006.

3 ĠU L 125 tad-09.05.2008.

4 ĠU C …*

5 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità. (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33)

(7) Sabiex jiġi żgurat li l-bastimenti tal-Unjoni jkunu jistgħu jkomplu għaddejjin bl-attivitajiet tas-sajd tagħhom, l-Artikolu 13 tal-Protokoll il-ġdid jipprevedi l-possibbiltà li huwa jiġi applikat b'mod provviżorju minn kull Parti sa mill-1 ta' Jannar 2014.

(8) Jixraq li dan ir-Regolament japplika mill-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll il-ġdid.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti mill-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

– 42 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:
  – Spanja: 21 bastiment
  – Franza: 21 bastiment
– 20 bastiment tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ:
  – Spanja: 8 bastimenti
  – Franza: 9 bastimenti
  – Il-Portugall: 3 bastimenti

2. Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 japplika mingħajr ħsara għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros.

3. L-iskadenza sa meta l-Istati Membri għandhom jikkonfermaw li mhumiex qed jużaw għal kollox l-opportunitajiet tas-sajd li jkunu ngħatawlhom skont il-Ftehim, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008, għandha tkun ta' għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-Kummissjoni tgħarrafhom li l-opportunitajiet tas-sajd mhumiex qed jintużaw kollha.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President